MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2010

Numru. 855/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Roger Ganketcha**
**Donovan Paul Tamo**

Illum, it-Tlieta 17 ta' Awwissu tas-sena 2010;

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputati **Roger Ganketcha** ta' sebgha u tletin (37) sena, bin Nana u Tires xebba Nandjou, imwieled Douala, il-Kamerun nhar is-16 ta' Frar tas-sena 1973 u residenti gewwa Hotel Santana,

Kamra Nru. 548, il-Qawra huwa detentur tal-passaport Kameruniz bin-numru 291026;

u

**Donovan Paul Tamo** ta' tmienja u tletin (38) sena, bin Membou u Cecile xebba Mefowe, imwieled Douala, il-Kamerun nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 1972, residenti gewwa Hotel Santana, Kamra Nru. 548, il-Qawra huwa detentur tal-passaport Germaniz bin-numru C2Y6NV5ZT;

Talli nhar it-13 t' Awwissu tas-sena 2010 u fil-granet ta' qabel f' dawn il-gzejjer, assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt ta' serq, li ghalieh hemm il-piena ta' prigunerija bi ksur ta' l-Artikolu 48A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli Donovan Paul Tamo wahdu nhar it-13 t' Awwissu tas-sena 2010 ghal habta ta' 12oohrs fil-Belt Valletta, kkommetta serq ta' flus ta ammonnt li jeccedi l-valur ta' elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni LIL 119, liema serq huwa aggravat bil-*"valur"* u kif ukoll bix-*"xorta tal-haga misruqa"* ghad-detriment ta' Michael Mercieca detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 152693M u dan bi ksur ta' l-Artikolu 261 ( c) (g), 267, 271(g), 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli Roger Ganketcha wahdu fl-istess zmien u cirkostanzi kien komplici ma Donovan Paul Tamo billi b' xi mod xjentement ghen jew assista lill-istess Donovan Paul Tamo fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistajt b' reat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Semghet lill-imputati jikkonfermaw id-dikjarazzjoni ta’ htija taghhom;

Issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti;

Rat fil-konfront ta’ l-imputat Donovan Paul Tamo l-Artikolu 261( c) (g), 267, 271(g), 279 (b)  u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat fil-konfront ta’ l-imputat Roger Ganketcha l-artikoli Artikolu 261 ( c) (g), 267, 271(g), 279 (b) u 280, 42, 43 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara kkonstata li l-imputati hu impossibbli ghalihom li jaghmlu tajjeb ghall-hsara ikkagunata lill-parti civile tal-azzjoni taghhom tqis li piena effettiva hi indikata u konsegwentement tikkundanna lill-imputati fuq indikati ghall-prigunerija ghall-perijodu ta’ sittax –il xahar (16) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------